TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 283/13/GB

**Moira Pisani**

**vs**

**Keith Borg ezercenti l-kummerc bhala Digiline Electronics**

Illum 26 ta' Frar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Dicembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hames mija disgha u hamsin Ewro (€559.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal-'mobile phone', liema 'mobile phone' kien difettuż u li kellu l-garanzija li kienet tirrifletti illi tali 'mobile phone' kien inxtara qabel ma fil-fatt kien inxtara mir-rikorrenti.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba (u ghalhekk it-Tribunal iddikjara illi kienet fi stat ta' kontumacja), pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fil-bidu ta' Dicembru marret ghand is-socjeta' ntimata sabiex tixtri 'iPhone 4s', fejn is-socjeta' ntimata nformatha illi ma kellhiex iżda kien ser ikollha dalwaqt. Fl-24 ta' Dicembru il-'mobile phone' wasal u meta r-rikorrenti marret tiġbru minghand is-socjeta' ntimata, hija ġiet informata illi l-'mobile' seta' beda jintuża mis-26 ta' Dicembru minhabba problema li kellhom fil-'main servers' tal-'Apple'. Ir-rikorrenti hallset l-ammont ta' hames mija disgha u hamsin Ewro (€559.00) fejn gie spjegat lilha illi s-sena garanzija kienet ser tibda hekk kif 'jinfetah' il-'mobile' u li l-ircevuta kienet il-garanzija. Wara ċirca gimgha, u cioe' fl-4 ta' Jannar 2013, il-'mobile' gie attivat. F'Ottubru, il-'mobile' hariglu difett u ghalhekk ir-rikorrenti marret l-'iCentre' minn fejn iddireguha tmur ghand il-'Vodafone' peress illi din is-socjeta' hija l-agent tal-'iPhone' f'Malta. Hekk kif ir-rikorrenti marret il-'Vodafone' u wriethom il-'mobile' in

kwistjoni, din is-socjeta' mill-ewwel qablet illi kienet ser tbiddel il-'mobile', pero' hekk kif iccekjat il-garanzija, irrizultalha illi d-dati ma qablux fejn deher illi l-garanzija tal-'mobile' in kwistjoni kienet infethet hames xhur qabel ma nxtara mir-rikorrenti, u cioe' fl-14 ta' Lulju 2012 minnflok fl-4 ta' Jannar 2013. Minhabba l-fatt illi l-garanzija kienet skadiet, is-socjeta' 'Vodafone' ma setghatx tbiddel il-'mobile'. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti ċemplet lis-socjeta' ntimata sabiex tispjega dan kollu, fejn is-socjeta' ntimata nformatha illi setghat issewwi l-'mobile'. Ir-rikorrenti irrifjutat li l-'mobile' jissewwa ghaliex li kieku l-garanzija kienet infethet kif suppost fid-data meta hija xtrat il-'mobile', is-socjeta' 'Vodafone' kienet ser tbiddel il-'mobile' dak il-hin stess.

Ir-rikorrenti ezebiet ittra datata 28 ta' Ottubru 2013 u ffirmata mis-socjeta' 'Vodafone Malta Ltd', flimkien ma' 'screen shot' li gie rrilaxxat mill-istess socjeta' 'Vodafone Malta Ltd'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopa tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.MP1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ma jistax ma jikkummentax dwar in-natura suspettuża ta' din il-kawza. Jirrizulta b'mod car mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti kienet xtrat il-'mobile phone' in kwistjoni fl-24 ta' Dicembru 2012 u l-imsemmi 'mobile phone' kien 'infetah' fl-4 ta' Jannar 2013, b'dana illi l-garanzija kellha tidhol fis-sehh fl-istess data. Dana pero' ma kienx il-kaz, ghaliex hekk kif jirrizulta mill-provi, il-garanzija ta' l-istess 'mobile phone' kienet fil-fatt infethet hames xhur qabel ma r-rikorrenti kienet biss xtrat il-'mobile phone' in kwistjoni! It-Tribunal m'huwiex ser jidhol fin-natura ta' x'gara jew ma garax f'dan il-kuntest, hekk kif diga' msemmi, 'suspettuż', pero' a bażi tal-'problema' bil-garanzija, liema 'problema' kienet wahda illi totalment tappartjeni lis-socjeta' ntimata, it-Tribunal lanqas ma hu ser jordna illi r-rikorrenti ghandha taċċetta l-offerta da parte tas-socjeta' ntimata illi l-'mobile phone' in kwistjoni jiġi msewwi mill-istess socjeta' ntimata. Illi, il-fatt li r-rikorrenti kienet xtrat 'mobile phone' b'garanzija ta' sena, liema garanzija hija fil-fatt qatt ma setghat tgawdi minnha stante illi kienet skadiet minghajr ebda tort da parte taghha, hija prova ta' kemm is-socjeta' ntimata naqqset fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumatur. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura l-'mobile phone' in kwistjoni, u thallas l-ammont ta' hames mija disgha u hamsin Ewro (€559.00) lir-rikorrenti. It-Tribunal, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lis-socjeta' ntimata thallas ukoll l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) lir-rikorrenti bhala danni

morali ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilha mill-istess socjeta' ntimata. Bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**